MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 109/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angel Joseph Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Angel Joseph Caruana talli fix-xhur ta' Ottubru, Novembru u Dicembru 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta jew marbut b'kuntratt iehor, naqas li jaghti l-manteniment dovut lil Elaine Caruana ghaliha u ghat-tifla minuri Shaznay;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' April 2005 li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Angel Joseph Caruana hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-perjodu ta’ xahar detenzjoni u ordnatu li jhallas l-ammont ta’ tliet mitt liri Maltin (Lm300) lil Elaine Caruana fi zmien xahar mid-data ta' dik is-sentenza taht penali ta’ Lm2.00 (zewg liri Maltin) kuljum fin-nuqqas, u rrakomandat lid-Direttur tal-Habs sabiex l-appellant (allura imputat) jinzamm fis-sezzjoni tal-YOURS, in vista ta’ l-eta` tenera tieghu u ta’ l-imgieba generali tieghu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Angel Joseph Caruana pprezentat fit-13 ta’ April 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza billi tiddikjarah hati u kwindi tilliberah skond il-ligi, u f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal piena/sanzjoni billi minflok tigi mposta piena/sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet u rat il-verbal tal-15 ta' Lulju 2005 fejn Dott. Edward Gatt ghall-kwerelanti Elaine Caruana prezenti ddikjara li fil-mori tal-kawza l-appellant hallas l-arretrati dovuti skond ic-citazzjoni u illi l-imsemmija Elaine Caruana m'ghadx ghandha interess f'dawn il-proceduri;

Semghet u rat il-verbal ta' Dott. Franco Galea ghall-appellant fejn irtira l-aggravji li jirrigwardaw il-mertu ta' l-appell izda zamm ferm l-aggravji dwar il-piena;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Minhabba xi sottomissjonijiet li saru min-naha tad-difiza, din il-Qorti taghmilha cara l-ewwelnett li r-reat kontemplat fil-paragrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kap. 9 huwa reat kontra l-ordni pubbliku, u mhux reat kontra l-persuna jew kontra l-proprjeta`. Min jikkommetti dan ir-reat ikun qed jisfida mhux lill-parti l-ohra fiz-zwieg, izda lill-istess Qorti li

tkun ghamlet l-ordni ghall-hlas tal-manteniment[1]. Ir-reat isehh meta, skond l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi, ma jsirx il-hlas tal-manteniment fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond ordni ta' Qorti, jew skond kif stipulat f'kuntratt, kellu jithallas dak il-manteniment. Konsegwentement, jekk isir il-hlas tal-manteniment wara l-perijodu msemmi ta' hmistax-il jum, la jista' wiehed jitkellem fuq estinzjoni ta' l-azzjoni u lanqas ta' rinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Dwar il-piena l-appellant jitlob il-klemenza ta' din il-Qorti in vista tal-fatt li huwa ghamel il-hlas dovut u martu ma ghadx ghandha interess f'dawn il-proceduri. Tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li rriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".**

Effettivament dan huwa kaz iehor fejn "l-ghan tal-legislatur" intlahaq peress illi, kif diga` gie osservat, saret dikjarazzjoni fl-atti ta' dan l-appell li l-appellant hallas dak kollu li kien dovut skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u martu m'ghandhiex aktar interess f'dawn il-proceduri. Konsegwentement hemm lok ta' temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament kif ser jintqal, u cioe` billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal xahar detenzjoni u ordnat li jhallas l-ammont ta' Lm300 lil martu fi zmien xahar taht penali ta'

[1] Ara f'dan is-sens Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Carmelo Bigeni**, 6 ta' Marzu 2001.

Lm2 kuljum fin-nuqqas, u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------